# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 306/2016**

Il-Pulizija

vs

**Raphael Agius**

detentur tal-karta tal-identita' numru 421270(M)

Illum 30 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Raphael Agius, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 421270M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-6 ta' Settembru, 2015, ghall-habta tal-10:00 AM, u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel, gewwa Marsaxlokk, u f'dawn il-gzejjer:

1. Xjentement ghamel uzu minn dokument, dikjarazzjoni jew certifikat falz meta ma kienx ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz ta' awtorita;

2. Sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni, jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

3. Ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xorta ohra minn dik moghtija mill-awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

4. Ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xorta ohra minn dak moghti mill-Pulizija jew mill-awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Mejju, 2016, fejn il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, lliberat lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Gunju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha fl-intier taghha, u minflok tghaddi sabiex issib htija fl-appellat skond l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u tinfliggi piena skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellat Raphael Agius huma s-segwenti w *cioe'*:-

Illi nhar is-26 ta' Mejju, 2016, l-esponent Avukat Generali rcieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-atti fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom, u dan ghar-raguni illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-ligi – precizament tal-Artikoli 186, 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 15 (1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta – u lliberat lill-imputat *qua appellat* mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

1. L-interpretazzjoni zbaljata tal-Artikoli 186 u 188 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-ligi Maltija ma nsibux definizzjoni tar-reat ta' falsifikazzjoni izda l-Kodici Kriminali, u senjatament fl-Artikoli 186 u 188, jikkontempla zewg forom ta' falsifikazzjoni u li wahda hija differenti mill-ohra: l-Artikolu 186 – li fid-dicitura tieghu jirrikjama d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali – jitkellem dwar sitwazzjoni ta' fejn il-falsifikazzjoni tolqot id-dokument, dikjarazzjoni jew certifikat innifsu:

> 185 (1). Bla hsara tal-kazijiet imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-titolu, jekk ufficjal jew impjegat pubbliku, illi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni, jew certifikat, jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni falza, jew certifikat falz, jehel, meta jinsab hati, l-piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa tliet snin *(emfasi tal-esponent).*
>
> 186. Kull min xjentement jaghmel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, jehel, meta jinsab hati, l-istess piena stabbilita ghall-awtur.

Illi mill-banda l-ohra, l-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, jitratta xenarju ta' fejn persuna bi hsieb li tikseb vantagg ghaliha nnifisha, jew ghal haddiehor, taghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghti taghrif falz permezz ta' dokument li huwa mahsub ghal xi awtorita' pubblika, u kwindi hawnhekk, il-falsifikazzjoni ma tolqotx id-dokument innifsu izda l-kontenut tieghu:

> 188 (1). Kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinstab hati, l-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew multa. Izda ebda haga f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbilta' ta' xi ligi ohra li tipprovdi ghal piena oghla *(emfasi tal-esponent).*

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi opportunitajiet sabiex jesprimu ruhhom fuq is-suggett in materja, u sabiex jghaddulna l-insenjament ta' bosta guristi f'dan ir-rigward, hekk kif skond id-duttrina abbracjata, l-falsifikazzjoni tista' tkun jew materjali, u ghalhekk tolqot id-dokument innifsu, jew ideologika, bhal meta d-dokument innifsu ma jigix immodifikat, izda l-falsita' tolqot il-kontenut tieghu, t-taghrif li qieghed jinghata permezz tieghu. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '*Il-Pulizija vs Paul Galea*' (deciza fis-17

ta' Ottubru, 1997) fejn il-Qorti elaborat fit-tul fuq id-differenza bejn il-falsita' materjali u l-falsita' ideologika:

Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza, u *cioe'*, fil-kontenut idejali tieghu (ara Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – V.VI n. 226 - 829). Ikun hemm il-falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin '*non e veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero*'.

Illi *ai fini* tad-dottrina in tema ta' falsita' u sabiex effettivament jissussistu r-reati kkontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 186 u 188 tal-Kodici Kriminali, irid necessarjament ikun hemm dokument, u f'dan ir-rigward, il-kazistika kopjuza tal-Qrati taghna iccitat id-definizzjoni ta' Antolisei ta' dokument bhala strument li fih kitba attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni espozizzjoni ta' fatti jew ta' volonta'. Kwindi fid-dawl ta' dan l-insenjament, kitba mhix necessarjament sinjal alfabetiku, izda tinkludi wkoll numri u sinjali ohra bhal ma huma dawk stenografici jew kriptografici, kif ukoll pjanci ta' registrazzjoni ta' vetturi, kemm –il darba, pero', illi din il-kitba tesprimi hsieb li jkun miftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, indelibbli jew li jistghu jithassru, u fuq *kwalsiasi* mezz anki jekk il-messagg ikun wiehed ta' natura temporanja.

Illi l-ligi tiddistingwi bejn il-falsifikazzjoni ta' dokument pubbliku, u dak ta' skrittura privata. Filwaqt illi ghal dak illi jirrigwarda skrittura privata, l-ligi tezigi li l-Prosekuzzjoni tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, l-element ta' *actual prejudice*, jew il-potenzjalita' tad-dokument li jqarraq, fil-kaz ta' dokument pubbliku bhalma huwa dak mahrug minn xi awtorita' pubblika, dan l-element ma ghandux ghalfejn jigi ppruvat mill-Prosekuzzjoni.

Dan il-principju huwa in linja mal-ispirtu tal-ligi li tissalvagwardja dokumenti pubblici billi tippenalizza sempliciment l-att ta' falsifikazzjoni nnifsu, u dan irrispettivament minn jekk id-dokument irnexxielux iqarraq jew jekk ghandux il-potenzjalita' illi effettivament jaghmel dan.

Fejn il-falsifikazzjoni tolqot dokument pubbliku, r-reat jissussisti anke jekk id-dokument iffalsifikat huwa invalidu minhabba f'xi difett fil-formalitajiet tieghu jew fil-forma tieghu, u mhux mehtieg kwindi illi l-qerq ntiz ikun immaterjalizza.

Illi skond skorta ta' gurisprudenza tal-Qrati taghna, l-element intenzjonali huwa krucjali sabiex tinstab htija ghar-reat ta' falsifikazzjoni, u dan japplika bl-istess mod kemm ghal dokumenti pubblici, kif ukoll ghal dawk ta' natura privata. L-element intenzjonali johrog bic-car ukoll mid-dicitura tal-ligi stess, u senjatament tal-Artikoli 186 u 188 tal-Kodici Kriminali, liema dispozizzjonijiet it-tnejn jitkellmu fuq ix-xjenza li jrid ikollu l-awtur tar-reat sabiex jimmaterjalizza r-reat ta' falsifikazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Professur Mamo jispjega illi x-xjenza tfisser l-intenzjoni tal-awtur illi jqarraq u jispjega kif l-imitazzjoni perfetta mhix necessarja, izda trid tkun ta' tali xorta illi facilment tista' tinganna *the ordinary observer according to his means of knowledge.*

Illi b'applikazzjoni tas-suesposti principji ghall-kaz in dizamina, hawnhekk *si tratta* ta' kaz fejn ghandna zewg forom ta' falsifikazzjoni, dik materjali hekk kif ikkontemplata fl-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali, u dik ideologika hekk kif tohrog mill-Artikolu 188 tal-imsemmi Kodici. Mill-provi prodotti u senjatament *a fol.* 20 – 25 tal-atti processwali jirrizulta illi d-diska li kienet imwahhla mal-*windscreen* tal-vettura tal-ghamla *Rover 214* ma kienx dokument genwin izda kien biss imitazzjoni ta' licenzja originali mahruga minn l-entita' kompetenti. Mir-rapport forensiku irrizulta illi din id-diska giet immanifatturata, u l-karta li ntuzat ma kinitx karta tas-sigurta, izda wahda komuni hekk maghrufa bhala *commercial paper*, u *ai fini* ta' stampar intuzat inka komuni bhal ma hi dik li tintuza minn *printer* tal-ghamla *Ink Jet*.

Illi mill-provi prodotti, kwindi johrog bic-car kif id-diska li l-appellat wahhal mal-*windscreen* tar-*Rover* kienet iffalsifikata ghaliex kien l-appellat stess illi ghogbu jimmanifattura dan id-dokument mill-gdid, u dan sabiex (xjentement) iqarraq, liema qerq ma kienx vizibbli *icto oculi*,

izda kien maghmul b'tant reqqa illi kien kapaci jqarraq anki lil dak li l-Professur Mamo ddefinixxa bhala *the ordinary observer*.

Ghal dak illi jirrigwarda l-uzu li trid il-ligi fl-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali, hawnhekk il-ligi qed tirreferi ghall-uzu tad-dokument iffalsifikat, u *cioe'*, ghad-diska u mhux ghall-uzu tal-vettura in kwistjoni.

Illi ghaldaqstant, l-elementi kollha li trid il-ligi sabiex tinstab htija *ai termini* tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali huma kollha prezenti, u l-esponent bid-dovut rispett jemmen illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-ligi meta giet biex tinterpreta d-dicitura taghha: l-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali huwa car f'dan ir-rigward u ma jirrikjedix prova illi l-vettura in kwistjoni kienet qieghda tinstaq, izda *ai fini* ta' sejbien ta' htija huwa sufficjenti li jigi ppruvat illi kien hemm uzu ta' dokument falz, u *cioe'*, l-falsita materjali, prova illi tressqet mill-Ufficjal Prosekutur permezz tar-rapport forensiku. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, fl-umli fehma tal-esponent, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt tillibera lill-imputat *qua appellat* mill-imputazzjoni numru wiehed (1) ghaliex il-falsifikazzjoni tad-diska tammonta ghall-kaz car ta' uzu xjenti ta' dokument falz *ai termini* tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali.

Illi bl-istess mod mill-provi prodotti u senjatament *a fol*. 35 tal-atti processwali jirrizulta illi n-numru ta' registrazzjoni *HBP 379* kien irregistrat sabiex jintuza' fuq vettura tal-ghamla *Vauxhall Astra T – Top Design CDTI* li ssejjah lil Raphael Agius, izda meta l-Pulizija sabu l-vettura li dwarha dahlilhom rapport, din kienet tal-ghamla *Rover 214* u ma kinitx il-*Vauxhall* li kienet awtorizzata minn l-awtorita' ta' *Transport Malta* sabiex tuza l-imsemmija pjanca ta' registrazzjoni.

Meta l-appellat gie mistoqsi mill-pulizija fl-istqarrija illi huwa rrilaxxa nhar is-6 ta' Settembru, 2015, ghalfejn kien qed juza pjanca ta' registrazzjoni li qieghda rregistrata fuq il-*Vauxhall* fuq il-vettura tal-ghamla *Rover 214*, huwa *ex admissis* jghid: '*Mela dak qed inzarma l-garaxx u ghandi karru. Inzomm ir-Rover fil-garaxx. Imma bhalissa qieghda nirranga r-raff u tfajt ir-Rover fuq barra u wahhalt il-pjanci tal-Vauxhall, naf li ghamilt hazin imma ppanikkjajt. Dawn kont*

*applikajt ghalihom minhabba l-karru tad-dghajsa' (emfasi tal-esponent).* Kwindi fi kliemu stess, l-appellat identifika ruhu bhala l-awtur tal-falsifikazzjoni u lanqas qatt ma kien ikkontestat illi huwa sid il-vettura tal-ghamla *Rover 214*.

Illi ghalhekk, ghal dak illi jirrigwarda l-uzu tal-pjanca ta' registrazzjoni *HBP 379*, hawnhekk ghandna kaz ta' dokument genwin illi permezz tieghu, l-awtur qieghed jipprova jaghti taghrif falz b'abbuz ta' awtorita' pubblika sabiex jikseb vantagg ghalih innifsu. Ghalhekk, jidher manifestament, kif l-elementi li jirrikjedi l-Artikolu 188 (1) tal-Kodici Kriminali sabiex tinstab htija abbazi tieghu huma kollha sodisfatti. Ghal darba ohra, hawnhekk ma kienx kaz ta' jekk il-vettura in kwistjoni nstaqitx jew jekk xi hadd rax lill-appellat isuqha, ghaliex dak illi jrid l-Artikolu 188 (1) sabiex tinstab htija huwa li l-awtur tal-falsifikazzjoni jaghmel dikjarazzjoni falza f'xi dokument mahsub ghall-awtorita' pubblika, jew jaghti taghrif falz, fatti li jirrizultaw ampjament mill-provi prodotti. Huwa propju ghalhekk illi l-esponent bid-dovut rispett jemmen illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghal darba ohra ghamlet interpretazzjoni u enuncazzjoni zbaljata tal-ligi u kellha ssib htija wkoll *ai termini* tal-Artikolu 188 (1) tal-Kodici Kriminali.

2. L-interpretazzjoni zbaljata tal-Artikolu 15 (1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi skond l-Artikolu 15 (1) (A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, kull persuna li taghmel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort' ohra minn dak moghti mill-Pulizija jew minn awtorita' dwar xi vettura bil-mutur hija hatja ta' reat taht l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi.

Huwa l-uzu ta' numru ta' identifikazzjoni xort' ohra minn dak moghti mill-awtorita' illi huwa projbit *ai termini* tal-Artikolu 15 (1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u minn imkien ma jirrizulta illi *ai fini* ta' sejbien ta' htija jehtieg illi ssir il-prova illi l-vettura in kwistjoni kienet qed tigi misjuqa.

Illi ghalhekk, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi f'dan ir-rigward ukoll. Hekk kif diga' ntqal iktar 'il fuq f'dan ir-rikors ta' appell, il-pjanca ta' registrazzjoni *HBP 379* kienet registrata mal-awtorita' *Transport Malta* sabiex tintuza fuq vettura tal-ghamla *Vauxhall Astra*, izda rrizulta mill-provi prodotti u anki mill-istqarrija tal-imputat *qua appellat*, illi din il-pjanca ta' registrazzjoni kienet qed tintuza

vettura tal-ghamla *Rover 214*, liema vettura kienet irregistrata mal-imsemmija awtorita' bin-numru ta' registrazzjoni *AAF 526* u li wkoll issejjah lil Raphael Agius bhala sidha.

Illi ghalhekk, jirrizulta b'mod car ghall-ahhar kif Raphael Agius kien qed jaghmel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort' ohra minn dak moghti mill-awtorita', u dan bi ksur tal-Artikolu 15 (1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tghaddi sabiex issib htija fl-appellat f'dan ir-rigward ukoll.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell ġie intavolat mill-Avukat Ġenerali għax ħass li l-Ewwel Qorti għamlet ennunċazzjoni żbaljata tal-liġi.

L-appell jista' jiġi sintetizzat kif ġej:

1) L-interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 186 u 188 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta
2) L-interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 15 (1A) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Pulizija kienet irċeviet telefonata anonima fejn ġew infurmati li hemm żewġ karozzi li għandhom l-istess numru.

Meta għamlu r-riċerka tagħhom il-Pulizija skoprew li n-numru tar-reġistrazzjoni li kellha l-karozza Rover Ħamra li kienet ipparkjata barra  kienu infatti n-numru ta' karozza oħra Vauxhalll Astra bajda. Huma pruvaw jikkunttattjaw sid il-karozza iżda kien imsiefer , pero' l-*partner* tiegħu kkoperat mal-Pulizija u tathom iċ-ċavetta.

Sid il-karozza, u cioe' l-appellat mar għand il-Pulizija mar-ritorn tiegħu f'Malta u fl-istqarrija li rrilaxxa qal li r-Rover kien iżommha dejjem fil-garaxx u spjega kif kellu dawk il-pjanċi. Pjanċa kienet tal-karru u l-oħra kien mingħalih li tilifha iżda waqt li kien qed jaqla' l-garaxx sabha pero' ma laħaqx irraporta li sabha għax kien lejliet li kellu jsiefer. Huwa jgħid li qatt ma saqha. Inoltre, huwa jżid jgħid li kien żball ta' paniku minn naħa tiegħu li ġara dak li ġara.

**L-istqarrija rilaxxata**

Ma dan kollu, l-appellat qed isostni li għalkemm ingħata d-dritt li jkellem avukat **qabel** ma ssirlu interogazzjoni kif jidher a Folio 36 ma ngħatax id-dritt li jkollu avukat miegħu **matul** l-interogazzjoni u dan il-fatt ġie anke konfermat mix-xhud PC 484 Emanuel Tonna meta xehed quddiem din il-Qorti.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone and others vs Monaco (nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11), nstab li kien hemm leżjoni billi l-akkużat ma kellux jedd għall-assistenza tal-avukat **matul l-interrogazzjoni**.

Għaldaqstant l-istqarrija ma tistax tiġi ikkunsidrata.

**Eżami tar-*road license disc* u r-rapport preżentat.**

Il-Pulizija preżentat rapport rigward l-falsifikazzjoni ta' *'Road License disc'* li kienet imwaħħla mal-*windscreen* tal-karozza li kellha pjanċi li ma kienux tagħha u l-konklużjoni ta' dan ir-rapport kien li d-dokument ma kienx dokument validu u ma kienx maħruġ minn awtorita' kompetenti.

Id-Difiża fit-trattazzjoni finali kkonstestat dan ir-rapport għax ma ġiex imqabbad espert mill-Qorti biex jagħmel l-eżamijiet neċessarji u in oltre l-istess rapport ma ġie fl-ebda mument konfermat bil-ġurament.

Ai Termini tal-Artikolu 650 (2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-eżami tad-dokument kellu jsir minn espert imqabbad mill-Qorti u għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq ir-rapport preżentat fl-Atti.

Il-Qorti nnutat li hemm effetivament il-verbal tal-24 ta' Mejju, 2016 nieqes mill-atti għaldaqstant ma hemmx indikazzjoni ta' min xehed u preżenta xiex dakinhar għax in fatti hemm żewġ kopji tar-rapport esebiti.

Il-fatt li waħħal l-pjanċi li ma kienux tal-karozza pparkkeġġiata ma dan kollu jirriżulta mill-affidavits ta' PC 475 E. Farrugia u tal-ispettur S Pisani.

Il-karozza li kienet ipparkjata barra ma kellhiex liċenżja għax il-liċenżja kienet skadiet fit-28 ta' Frar, 2015 skont VERA Vehicle details a folio 34 tal-proċess. Dan id-dokument ġie ikkonfermat bil-ġurment quddiem din il-Qorti minn Stephen Cachia.

Illi peress li r-rapport fir- rigward tal-falsifikazzjoni o meno taċ-ċertifikat ma ġiex redatt minn espert imqabbad mill-Qorti u l-appellat ma ngħatax id-dritt li jkollu avukat matul l-interogazzjoni din il-Qorti ma tistax issib ħtija fir-riward tal-akkużi tal-ewwel (1) it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuża. Iżda mill-affidavits preżentati jirriżulta ċar li l-appellat kien waħħal pjanċi ta' karozza oħra u mid-dokumenti preżentati minn Stephen Cachia jirriżulta li l-karozza ma kellhiex liċenzja u għaldaqstant ser ikun hemm varjazzjoni fil-piena nkwantu jirrigwarda r-raba (4) akkuża.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza appellata nkwantu jirrigwarda l-liberatorja tal-Ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuża migjuba kontra l-appellant. Tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali nkwantu jirrigwarda raba' (4) akkuża. Għalhekk tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fir-rigwarda tar-raba (4) akkuża u tikkundanna lill-appellat għal multa ta' mitt Ewro (€100) Ewro ai termini tal-Artikolu 15 (1A) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.